**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** minn **JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (25)

F'din ir-rubrika ta' din il-ġimgħa, inkomplu bl-intervista interessanti ta' Joe Borg li matulha tana ħafna tagħrif dwar it-tiġrijiet ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, speċjalment dwar is-sehem tad-distrett tal-Isla.

Fil-kitba tal-ġimgħa l-oħra ħallejna lil Joe jitkellem dwar Toni Farrugia ( iż-Żbiba) u l-ewwel palju ta' bi Tnejn mirbugħ mill-Isla wara l-gwerra. Dawk kollha li llum jgħoddu madwar 70 sena u li minn dejjem segwew ir-Regatta Nazzjonali jafu li Toni ż-Żbiba kien wieħed mill-aħjar qaddiefa Sengleani ta' wara l-gwerra – tipo ta' Karmnu Grech tal-Posta għall-Bormliżi, iżda ċertament ma rebaħx paljijiet daqsu minkejja li matul il-karriera tiegħu ġerra wkoll fit-tiġrijiet tad-dgħajjes tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa. Issib min jgħidlek li Toni ma rebaħx aktar paljijiet għaliex bejn l-1938 u l-1951 ir-Regatta ma saritx minħabba bastiment tat-tagħbija li kien mgħarraq fil-kanal tat-tiġrija. F'ħin minnhom staqsejtu jekk kienx jaf ir-raġuni għaliex iż-Żbiba kien għamel żmien ma jaqdifx f'ta' Bi Tnejn?

"Ngħidlek …minkejja li ż-Żbiba kien rebaħ il-palju ta' Bi Tnejn bil-Kavetta, kulħadd kien jaf li din id-dgħajsa ma kinitx tajba għat-tiġrija u allura fi-korsa ta' Bi Tnejn konna qegħdin inġerru bid-dgħajsa Vittoria li Guli kien bena wara l-gwerra.

"Ċertu Paċikk li kien jifhem ħafna fid-dgħajjes u li kien jiġi minnu, widdeb lil Toni biex ma jġerrix biha, għaliex skont hu, kellu ħafna xogħol fuqu u kien se jkiddu ħafna.

"Il-Pa Salv ix-xiħ issuġġerixxa li jiftħu l-poppa tal-Fancy Boat (li kien bena Pule) peress li din kienet dejqa u jirranġawha.

"Din il-biċċa xogħol ġiet fdata f'idejn l-imgħallem Spiru Toscano li kien l-aktar imgħallem magħruf fi żmienu għall-kapaċità tiegħu f'dik li hi manutenzjoni u tiswija tal-opri tal-baħar , iżda huwa qatt ma kien bena dgħajsa.

"Dak in-nhar stess, bil-lejl, daħluha fil-maħżen tiegħu u ħadem fuqha l-lejl kollu, fejn fetaħ il-poppa u għalaqha mill-ġdid … sa filgħodu lestiha u ħadiniha d-dwana bħala dgħajsa ġdida … il-lavrant kejjilha u qal li kienet tajba.

"Toni Ellul (il-Koj) mar jipprotesta mal-perit Aguis, u qallu li d-dgħajsa kienet il-Fancy Boat li kien bena Pulé u rranġawha – u hawn il-perit ma ħariġx il-permess meħtieġ minkejja li ġabet il-kejll. Hawnhekk iż-Żbiba ma riedx imur bl-oħra. Sieħbu li kien ser jaqdef miegħu kien ċertu Aguis li kienu jsibuh bħala tal-Manager … u dak in-nhar Toni kien siker sakra għax ma riedx imur … snin wara kien qadef ma' Freddie Fiteni (is-Sapuna) u reġa għadda lil Koj ...."



Il-koppja Bormliża leġġendarja Pietru Farrugia u Karmenu Grech jippożaw għar-ritratt wara r-rebħa tal-palju, fl-1930

*Fil-fehma tiegħek x'differenza tara bejn il-barklori ta' żmienek u d-dilettanti ta' żmienna?*

"Differenza enormi … m'hemmx paragun … il-barklor dejjem qed jitħarreġ għax-xogħlu bid-dgħajsa l-ġurnata kollha, waqt li dilettant, jibda meta jibda jitħarreġ dejjem jibqa' dilettant … biex issir qaddief professjonali mhux taħriġ biss trid iżda għalliema professjonali li jkollhom esperjenza twila tal-kanal u karriera fil-qdif.

"Tfal tajba li jippromettu għandna f'kull distrett, iżda jekk ma jkunx hemm minn jgħallimhom b'mod professjonali, jibqgħu dejjem dilettanti. Barklor minkejja ħadd ma għallmu, kien xogħlu ... minn sbieħ il-jum sa tard bil-lejl dejjem jaqdef … imbagħad ħafna mill-qaddiefa, tant kienu jkunu b'saħħithom li waqt it-tiġrija, id-daqqa tal-moqdief ma' l-iskalm tad-dgħajsa kont tismagħha mill-Ponta!!

F'żgħżożiti, il-Ponta kien ikun hemm ħafna barklori jaraw il-provi … meta kienu josservaw xi qaddief qed ibati waqt il-qdif, kemm għax il-qadfa tiegħu tkun dgħajfa jew ħafifa fejn ta' sħabu jew għax id-dgħajsa tkun armata ħażin, kienu jiġbdu l-attenzjoni tal-qaddief u ta' min kien jieħu ħsieb jarma d-dgħajjes … mhux l-ewwel darba, li qaddiefa anzjani niżlu fid-dgħajjes biex iħarrġu tajjeb qaddiefa ġodda minkejja li jkunu wild il-barkori … dak iż-żmien ħadd ma kien jieħu għalih kif jagħmlu llum.

"Inkomplu ... meta l-barklori bdew jitnaqqru u posthom ħaduh id-dilettanti, it-tiġrija ħadet sura oħra … fejn dari qaddief kont tagħtih tazza te, illum irid il-whisky …. fejn qabel qaddief kien jikkuntenta bil-premju tad-dwana, illum irid il-liri kemm mar-reġistrazzjoni kif ukoll mar-rebħ tal-palju … dawk in-nies ta' saħħa spiċċaw … illum Bormla qed tiddomina kull Regatta … aħna kellha ħafna qaddiefa tajbin daqshom … neħħiha minmoħħok li l-qaddiefa tal-Isla jew tal-Birgu m'humiex tajbin daqshom.

L-Isla qatt ma riedu li jkollhom qaddiefa barranin għaliex min kien jieħu ħsieb dejjem emmen fit-tfal tagħna … il-qaddiefa tagħna kienu tfal bla esperjenza … taħt il-ħabel kienu jibżgħu… ma kinux tal-mistier …dik hi d-differenza bejniethom … imbagħad inħolqot ħaġa oħra … 'jien miegħek ma rridx naqdef jew lil dak ma rriduhx magħna' … allura qatt ma kienet tintrama tajjeb dgħajsa … titla' int u ddawruk.

"Anke jekk tkun qaddief tajjeb, trid jew ma tridx ikollok tinżel mid-dgħajsa għax jisfrattawha. Qabel il-gwerra, it-tiġrija kienet differenti mil-lum … illum iċedu lil xulxin … dari le, aqdef u min kapaċi jdawwar … kif titlaq trid tkompli… it-taħriġ kien tremend…. m'għandux jaqsam mal-lum … għedtlek kienu barklori

"Ara ħalli ngħidlek .. il-Ponta kienet tkun mimlija barklori qegħdin jippruvaw … jaraw barklor tiela' b'xi vjaġġ, jgħajtulu, iqabbdu barklor ieħor biex ikompli bil-vjaġġ minfloku u lilu jtolbuh jitla' fuq id-dgħajsa biex jagħti qadfa …. kull distrett kien jagħmel hekk … dak iż-żmien ma kienx hawn reġistrazzjoni tal-qaddiefa bħal-lum …hekk kienu jingħażlu l-qaddiefa fl-opri ġodda … dawk l-ekwipaġġi stabbiliti li jkunu rebħu xi palju ma kienux iċċaqilqu lil ħadd minnhom u jibqgħu jaqdfu flimkien, imma lill-qaddiefa hekk kienu jagħżluhom u jbiddlulhom kull sena sakemm jarmaw ekwipaġġ tajjeb … "

*Ma nafx jekk fhimtekx tajjeb … intom bqajtu b'dgħajsa waħda tal-Midalji?*

"Meta morna l-Kalkara biex inġibu d-dgħajsa ta' bl-Erbgħa mingħand l-imgħallem Pulé jien kont għadni tifel. Dak iż-żmien aħna kellna dgħajsa waħda tal-Midalji li kienu jsejħulha l-London, għal Cruiser HMS London.

"Niftakar li magħna kellna lil Bonett ix-xiħ, innannu ta' Joey, u lil Salvu Cachia (il-Qaddies) missier Gustu. Pulé kellu dgħajsa tal-Midalji merfugħa u Bormla ma ħaduhiex għax kellhom … Salvu ħares lejn Bonett u qallu: "… nixtruha" u Bonett irrispondieh, "... ħalliha għalija Salv" u kien xtraha bejn £4 u £8 … niftakar li kien ħallasha bil-fidda - ħames xelinijiet tal-fidda…. telgħu fuqha erba' żgħażagħ u kien taru biha.

"Wara l-Guli kien bena waħda bħalha, iżda kienet aktar baxxa … lil Guli kien għallmu zijuh iż-Żużu … kien mgħallem ta' l-affari tiegħu ... darba bena Kajjikk il-ġmiel tiegħu … jien niftakar erba' Kajjikki żgur, iżda l-Isla kellha aktar … anke Bormla u l-Birgu kellhom il-Kajjikki … ħaġa waħda ngħidlek Joe … għalija l-barklor hu l-qaddief naturali tar-Regatta … spiċċaw il-barklori u spiċċat ir-Regatta…."

*(ikompli f'ħarġa oħra)*